MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2229/2004

**Fiona Cachia Busietta (K.I. Nru. 724761 M)**

**vs**

**Simon Grech (K.I. Nru 139737 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta Novembru 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585) rapprezentanti ammont ta' kera dovuta ghall-perjodu bejn id-19 ta' Lulju 2002 u t-28 ta' Lulju 2002 fir-rigward ta' proprjeta' moghtija b'kera mill-attrici lill-konvenut ghall-imsemmi perjodu;

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Lulju 2002 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici attrici s-somma mitluba ta; hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Lulju 2002 u bl-ispejjez ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

It-Tribunal jordna inoltre li ghandu jigi sfilzat id-dokument li jinsab a folio 9 tal-process peress li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------